# Eżami għad-Dħul fl-Ewwel Sena tal-Junior Lyceum
# 2004

# MALTI

---

## A. Aqra din is-silta. Wara wieġeb il-mistoqsijiet b'sentenzi SĦAĦ:

*(L-istudenti huma mħeġġa jiktbu pulit u bla żbalji. Dan jgħodd ukoll meta jikkupjaw minn naħa għal oħra.)*

**Is-Samaritani**



Klara u Melissa kienu aħwa anzjani. Kienu jgħixu f'dar kbira sew fl-isbaħ triq tal-belt. ***(Par. 1)***

Darba waħda, fil-ħemda tal-lejla, daqqet il-qanpiena tal-bieb. Melissa kienet ċerta li semgħet sewwa. "L-għaxra!" qalet imħassba Melissa hekk kif ħarset lejn l-arloġġ. Malajr dawret għajnejha lejn oħtha. It-tnejn kienu sorpriżi. Issa ilhom sew ma jiftħu biebhom daqshekk tard. Iż-żmien li jilqgħu l-pazjenti f'darhom spiċċa snin ilu. Il-qanpiena reġgħet ċemplet. Din id-darba b'aktar qawwa. ***(Par. 2)***

"Min jaf min ġie dal-ħin?" qalet Klara filwaqt li qabżet minn fuq is-sufan. "Ħalli naraw hux ġej xi għawġ!" Fi ftit passi qasmet mis-salott għall-intrata u xegħlet id-dawl. "Min hemm?" għajtet b'ton ta' rabja. Melissa, li kienet kemmxejn qsajra ħdejn il-figura ta' Klara, marret wara oħtha. Bdiet kważi tħokk magħha bil-biża'. Imsarinha niżlu f'saqajha. Immaġinat kull inkwiet. Oħtha kienet aktar soda. ***(Par. 3)***

Għall-ewwel ma semgħu l-ebda tlissin ta' kliem. Imma kif Klara staqsiet għat-tieni darba min kien wara biebhom, semgħu min jokrob. Malli Klara fetħet il-bieb, it-tnejn raw quddiemhom dehra tal-biki. Mara, li kellha d-demm ma' wiċċha, ġiet titlob l-għajnuna. "Nitlobkom tgħinuni," talbet imbikkma dik l-imsejkna. "Kont qed insuq lura lejn dari. Tlift il-kontroll u ħbatt ma' waħda mis-siġar li hemm jifirdu ż-żewġ naħat tat-triq." ***(Par. 4)***



L-aħwa ma qagħdux b'idejhom fuq żaqqhom. Malajr daħħluha ġewwa. "X'jismek?" staqsiet Melissa. ***(Par. 5)***

"Jiena Dorita. Illum ħdimt bis-sahra. Iddawwart fuq ix-xogħol. Ridt niġġieled mal-ħin biex nasal id-dar malajr." ***(Par. 6)***

"Tibża' xejn! Issa ngħinuk aħna," qaltilha Melissa b'leħen kalm u ħelu. Klara ħabirket biex iċċempel għall-ambulanza. Oħtha mill-ewwel bdiet iddewwi lil dik l-iżvinturata. Melissa kienet qiegħda terġa' tipprattika l-professjoni ta' qabel waqfet mix-xogħol. Min jaf kemm daret djar u fejqet nies! Għal Klara din ma kinitx xi dehra stramba. Hija kienet l-infermiera fil-klinika t'oħtha għal ħafna u ħafna snin. Min jaf kemm dewwiet nies! ***(Par. 7)***

Dorita qattgħet xi jiem fl-isptar. Wara li ħarġet minn hemm marret trodd ħajr lil dawk iż-żewġ samaritani twajbin. ***(Par. 8)***

1. X'ħin seħħet din il-ġrajja? *(marka)*

2. Min miż-żewġ anzjani nisa kellu l-aktar kuraġġ? *(marka)*

3. F'liema kamra kienu ż-żewġ anzjani meta daqqet il-qanpiena? *(marka)*

4. Għaliex kienu ilhom ma jiftħu biebhom daqshekk tard? *(marka)*

5. X'kienet il-professjoni ta' Melissa? *(marka)*

6. Min beda jokrob wara l-bieb? *(marka)*

7. Għal liema raġuni ddawret fuq ix-xogħol Dorita? *(marka)*

8. Għaliex ma kinitx dehra stramba għal Klara? *(marka)*

9. Fejn ittieħdet Dorita għal aktar kura? *(marka)*

10. X'taħseb li tfisser **'samaritani'**? *(2 marki)*

11. Immarka ✓ ħdejn iż-żewġt iqwiel li jwasslu tagħlima minn din il-ġrajja. *(2 marki)*

| | | |
|---|---|---|
| a. | Aħjar għasfur f'idek milli mija fl-ajru. | ☐ |
| b. | Aħjar tard milli qatt. | ☐ |
| ċ. | Akbar m'int akbar hemmek. | ☐ |
| d. | Min jimxi bil-mod jasal kmieni. | ☐ |
| e. | Għan-niżla kull qaddis jgħin. | ☐ |
| f. | Riħ ta'siegħa jnaddaf qiegħa. | ☐ |

**B. Uża s-silta biex tgħinek tkompli dawn.** *(5 marki)*

1. Fis-silta **għawġ** ***(Par. 3)*** u ________________________ ***(Par. 3)*** ifissru l-istess.

2. L-espressjoni ______________________________________________ ***(Par. 3)*** tfisser **inħakmet mill-biża'**.

3. ______________________________________________ ***(Par. 5)*** tfisser **ma qagħdux iħarsu u ma jagħmlu xejn**.

4. **… qaltilha** Melissa … ***(Par. 7)*** Melissa qiegħda titkellem ma' ________________________.

5. Ħarġet minn **hemm.** ***(Par. 8)*** **Hemm** qed tirreferi għall- _________________.

**Ċ. Wara li fhimt is-silta, imla l-vojt b'kelma waħda.**

**Għandek l-għajnuna fil-parentesi.** *(5 marki)*



1. Kelma oħra minflok **anzjani** hija ___________ (nom mill-għerq **x-j-ħ**).
2. Dorita kienet żvinturata għax kienet ___________ (aġġettiv minn **darab**).
3. **Trodd ħajr** tfisser ____________________ (verb minn **grazzi**).
4. **Iddewwi** lil dik l-iżvinturata tfisser ___________ (verb min-nom **kura**).
5. Kelma oħra flok **visti** hija ___________ (nom mill-verb **żar**).

**D. Daħħal kelma waħda fil-vojt.** *(7 marki)*



Fid-_____________ (plural ta' **dar**) ta' l-anzjani _____________ (preżent tal-verb **għex**) kemm nisa kif ukoll irġiel. Ħafna jmorru hemm għax jispiċċaw ______________ (plural ta' **waħdu)**. Xi oħrajn ikunu ______________ (aġġettiv mill-għerq **m-r-d**) u l-familja ma tkunx tista' _____________ (kelma waħda flok **tgħin lilhom**). Huwa ______________ (kelma oħra flok **dover**) tagħna li nżuru lil______________ (kelma waħda flok **il-qraba tagħna**) f'dawn l-istituzzjonijiet.

## E. Ifhem is-sens. Wara ikteb kelma waħda f'kull vojt. *(8 marki)*

Ix-xwejjaħ ____________ lit-tabib, "Kif għandi ____________ l-pilloli ___________ ktibtli fir-riċetta?"

"Ara," qallu t-tabib, "meta tmur ____________ l-ispiżjar dan ser jgħidlek ____________ teħodhom. Biex tiblagħhom, aħjar jekk ____________ xi ilma, ħalib ____________ luminata. Hekk tniżżilhom _____________ tbatija.



## F. Daħħal il-partiċelli neqsin. *(8 marki)*

Irkibt il-karozza __________ linja li titlaq __________ Belt __________ Birkirkara. Kif ħallast __________ xufier, indunajt li ma kienx hemm fejn inpoġġi. Għaddejt il-vjaġġ kollu __________ wieqfa. Kif wasalt ir-raħal dħalt __________ ħanut __________ Lonzu u tlabtu belgħa tè __________ ħalib.




## Ġ. Daħħal il-kelma li hemm bżonn fil-vojt. *(5 marki)*

1. Jiena nħobb niekol il-qassatat ta' l-irkotta imma ma ______________________ (preżent negattiv minn **ħabb**) dawk tal-piżelli.
2. Billi oħti m' ______________________ (passat negattiv minn **għalaq**) il-gaġġa l-għasfur tar.
3. Marjo tella' l-ilma mill-bir iżda Frida ma ___________________________ (passat negattiv tal-verb **mela**) barmil wieħed.
4. Pawlu jiekol kull ma jara. Oħtu żgur li ma ______________________ (preżent negattiv mill-verb **kiel**) daqsu.
5. Aħna ma ______________________ (passat negattiv mill-verb **qagħad**) kwieti sakemm daħal l-għalliem fil-klassi.

## G. Reklam *(6 marki)*

**Inti qiegħed/qiegħda fis-Supermarkit tagħmel reklam biex tbigħ iz-zalzett. Għandek platt biz-zalzett imsajjar. Inti qed toffri lil waħda tifla biex idduq dan il-prodott.**



1. Ikteb mistoqsija biex tħajjarha dduqu.

______________________________________________________

______________________________________________________?

2. Ikteb f'sentenza sħiħa x'tgħid dik it-tifla wara li dduqu.

______________________________________________________

______________________________________________________.

3. Issa irranġa dan il-kliem biex toħloq reklam. **Iktbu fil-vojt ta' taħt.**




______________________________________________________





## GĦ. Imla l-vojt billi tagħżel il-kelma t-tajba minn dawn. *(4 marki)*

| | | | |
|---|---|---|---|
| **’l kulħadd** | **’l fuq** | **’il ġewwa** | **’l ħadd** |
| **’l barra** | **’l isfel** | **’l bogħod** | **’il xulxin** |



1. Din l-istorja fiha _________________ minn għoxrin stampa.
2. Raw _________________ wara ħafna snin.
3. Xtaqna nħajru _________________ jagħmel l-eżami.
4. Inżilna ________________ fil-fond biex sibna t-teżor f’qiegħ il-baħar.







## H. Daħħal kelma jew kliem fil-vojt biex tkompli l-idjomi. L-idjoma trid taqbel mat-tifsira fil-parentesi. *(5 marki)*



**Eżempju:** Dejjem għamel li ried għax għandu rasu **iebsa**. **(stinat)**

1. Kemm għandu wiċċu ____________________! **(ma jistħix)**
2. Kemm iħobb ___________________ imnieħru fl-affarijiet ta’ l-oħrajn. **(iħobb jindaħal)**
3. Ma jħobbx jagħti informazzjoni għax għandu fommu ___________________. **(ma jħobbx ipaċpaċ)**
4. Ġie jarani b’idu ___________________. **(ma ġab xejn)**
5. L-istorja ta’ Malta jafha fuq _______________ subgħajh. (**jafha bl-amment**)

## Ħ. Aqra u kompli dan id-djalogu bejn Marika u Mawro.

*(5 marki)*



**Marika:** Bonġu Mawro! Fejn sejjer?

**Mawro:** ________________________________________

**Marika:** L-uġigħ tad-dras ikrah wisq!

**Mawro:** Għamilt lejl m'għalaqtx għajn m'għajn.

**Marika:** ________________________________________

**Mawro:** Iva! It-tabib ordnali nieħu żewġ pilloli kull erba' sigħat.

**Marika:** ________________________________________

**Mawro:** B'kollox blajt erbgħa dal-lejl.

**Marika:** Mela żgur li għandek xi darsa mħassra sew!

**Mawro:** ________________________________________

**Marika:** ________________________________________

**Mawro:** Mhux li kien jaħasra!

## I. Ikteb mistoqsija f'kull vojt. Il-mistoqsija trid taqbel mat-tweġiba.

*(4 marki)*

1. ________________________________?

2. ________________________________?

3. ________________________________?

4. ________________________________?



**IE. Ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti.** *Titlef il-marki jekk tikteb sentenzi kif ġie ġie u bl-iżbalji ta' l-ortografija u tal-punteġġjatura. Ara li jkollok paragrafi f'posthom. Ikteb pulit u kun immaġinattiv/a. (Jekk trid tista' tagħmel użu mill-punti li hemm taħt kull suġġett.)*

*(25 marka)*

1. Kemm nitgħallem mill-album tal-bolli!
   *(Għid kif tqatta' l-ħin tiegħek fuq dan il-passatemp. Xi kwalità ta' bolli ġġemma'; minn fejn iġġibhom; x'jgħallmuk.)*




2. Il-karozzi jgħinuna jew jeqirduna?
   *(Barra l-kumdità, ġabu wkoll periklu, tniġġis, nuqqas ta' mixi ……)*



3. Ridt intir bil-ferħ! Qatt ma bsart li….. ***Kompli***
   *(Irrakkonta x'kienet il-ġrajja li tant ferrħitek jew li ġabet ferħ fil-familja.)*

4. Bil-qatra l-qatra timtela l-ġarra. Kont ili sewwa nġemma' fil-karus. Imma, ħej, ġratli waħda tinkiteb! ***Kompli***
   *(Semmi għal xiex kont qed iġġemma' u għid x'ġara li ġiegħlek teħodha daqshekk bi kbira.)*



5. Ikteb storja ta' madwar 200 kelma li t-tmiem tagħha għandu jkun dan: Fuq kollox ma tħabatniex għalxejn. Kienet esperjenza li tagħmilna kburin. Għalkemm dħalna fil-periklu, xejn ma jiddispjaċina.
   *(Agħżel int x'esperjenza kienet, x'qanqalkom li tagħtu sehemkom, għaliex tħossukom kburin.)*

**TMIEM IL-KARTA**